**Quddiem l-Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji**

**Kaz Nru. 118/2017**

**HU u RQ (l-ilmentaturi)**

**vs**

***All Invest Company Ltd.* (C 22239)**

**(il-provditur tas-servizz)**

**Seduta tas-6 ta' Mejju 2019**

**L-Arbitru,**

**Ra l-ilment** fejn l-ilmentaturi jghidu li huma gew irrakkomandati li jikkuntattjaw lil *All Invest Co. Ltd.* minn habib taghhom.

Illi huma tkellmu ma' Wallace Falzon ghal *All Invest Co. Ltd*. fl-ufficcju tieghu fejn qalulu li riedu investiment li jkollu l-kapital garantit.

Illi huma kienu lesti li jiehdu imghax baxx basta ma jitilfux il-kapital

Illi l-provditur tas-servizz assigurahom li l-kapital kien sigur.

Illi wara din l-assigurazzjoni min-naha ta' Wallace Falzon, huma investew €14,000 fis-*6.25% SNS Bond NV 2020* (*SNS*).

Illi l-provditur tas-servizz qalilhom li l-*Bond* spicca.

Imbaghad, l-investiment taghhom gie ttrasferit lil *Sparkasse Bank Malta* li nfurmawhom li l-investiment taghhom kien bla valur.

Qed jitolbu s-somma ta' €14,000, flimkien mal-imghax fuqhom.

**Ra r-Risposta tal-Provditur tas-Servizz li tghid:**

1. Illi preliminarjament, u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet ohrajn, in kwantu illi nonostante t-talbiet fl-ilment, il-mertu tal-ilment proprju

huwa dikjarat li telf ta' kapital fir-rigward tal-*SNS Subordinated Bond* qed jigi eccepit illi l-esponenti ma hiex il-legittimu kontradittur tal-ilmentaturi u l-eccepjenti m'ghandha ebda kontroll u lanqas ma tiggestixxi hija l-investimenti *de quo* peress illi l-esponenti hija biss intermedjarju, u ghaldaqstant ma tistax tinzamm responsabbli ghal kwalunkwe telf ta' investiment li seta' garrab;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-ammont mitlub mill-ilmentaturi ma jirriflettix l-ammont li effettivament gie investit minnhom. Di fatti l-*Gross Investment including accrued interest* kien dak ta' €9,261.00 u mhux €14,000. L-ammont mitlub minnhom jirrispekkja l-valur <u>nominali</u> tal-investiment;

3. Illi mhuwiex minnu li l-esponenti assigurat lill-ilmentaturi li l-investiment li dwaru tressaq dan l-ilment kien wiehed garantit. Di fatti ma hemmx dubju li l-ilmentaturi kienu konsapevoli li fl-investimenti hemm ir-riskji, liema riskji necessarjament jirreferu ghal telf possibbli ta' kapital, u ghandhom jerfghu ir-responsabbiltajiet taghhom *qua* investituri billi jerfghu huma l-piz tat-telf allegatament subit, liema telf ghad irid jigi ppruvat sal-grad rikjest mil-ligi;

4. Illi l-ilmentaturi kellhom dik l-*experience* u *knowledge* fit-tip ta' investiment relevanti ghall-prodott jew servizz li inghata. Di fatti, l-esponenti analizzat jekk il-prodott jew servizz kienx *appropriate* u di fatti irrizulta li kien;

5. Illi, minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, in-nazzjonalizz-azzjoni tal-*SNS NV Bank,* u/jew l-esproprju tal-investiment *de quo* bit-telf li dan gab mieghu ghandu jitqies bhala *'casus'*;

6. Illi s-socjetà intimata mhijiex responsabbli ghal ebda telf jew dannu li seta' gie soffert mill-ilmentaturi la minhabba nuqqas li thares l-ahjar interess tal-klijenti taghha, la minhabba nuqqas li tadempixxi l-obbligi legali taghha (inkluz kwalsiasi obbligi regolatorji u/jew kuntrattwali u/jew fiducjarji li seta' kellha) fil-konfront tal-istess ilmentaturi, minhabba xi komportament iehor kif allegat mill-ilmentaturi;

7. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

**Sema' lill-ilmentaturi**

**Ra li ghall-provditur tas-servizz ma xehed hadd**

**Ra l-atti l-ohra tal-kaz**

**Jikkonsidra:**

***Eccezzjoni li l-Provditur tas-Servizz mhux il-Legittimu Kontradittur***

Il-provditur tas-servizz jghid fir-risposta tieghu li galadarba l-ilmentaturi qed jghidu li garrbu telf fuq il-kapital fl-*SNS*, il-provditur tas-servizz mhux il-legittimu kontradittur peress li ma kienx hu li ggestixxa l-investiment.

L-Arbitru ma jistax jilqa' din l-eccezzjoni ghaliex l-ilment mhuwiex li l-provditur tas-servizz iggestixxa hazin l-investiment imma li l-provditur tas-servizz biegh lill-ilmentaturi prodott hazin ghaliex ma kienx addattat ghar-riskji li riedu jiehdu. Riedu prodott fejn il-kapital ikun sigur u jghidu li l-prodott li nbieghilhom ma kienx joffri dan.

M'hemm l-ebda dubju li kien hemm din ir-relazzjoni guridika bejn l-ilmentaturi u l-provditur tas-servizz. Kemm mill-korrispondenza li ghaddiet bejn il-partijiet,[1] kif ukoll mill-i*statement*[2] jirrizulta din ir-relazzjoni guridika bejn il-partijiet. Ghalhekk m'hemmx dubju li l-provditur tas-servizz huwa l-legittimu kontradittur.

Il-provditur tas-servizz ma ressaq l-ebda provi biex jissustanzja din l-eccezzjoni.

Ghal dawn ir-ragunijiet din l-eccezzjoni qieghda tigi michuda.

**FIL-MERTU**

[1] *A fol.* 10
[2] *A fol. 9*

**L-Arbitru jrid jiddeciedi dan l-ilment b'referenza ghal dak li, fil-fehma tieghu, huwa gust,ekwu u ragonevoli fic-cirkostanzi partikolari u merti sostantivi tal-kaz.**[3]

F'dan il-kaz, bhala provi l-Arbitru ghandu biss il-provi tal-ilmentaturi ghax il-provditur tas-servizz ma ressaq l-ebda provi biex jissostanzja l-eccezzjonijiet li ta fir-risposta tieghu.

***Il-Verzjoni tal-Ilmentaturi***

Fis-seduta tat-22 ta' Jannar 2018, l-ilmentatur, HU, bil-gurament xehed dan li gej:

*'Nghid li l-All Invest kien issuggeriha habib tieghi. Imbaghad, kont mort ghand All Invest u ltqajt ma' Wallace Falzon u ghidnilu li konna lesti ninvestu mieghu basta l-kapital ikun garantit, anke jekk l-income ikun inqas. Qalli, "Tikkonfondi xejn, tikkonfondi xejn."*

*Staqsieni ghandix esperjenza u ghidtlu, "Kieku jien ghandi l-esperjenza mhux se nigi ghandek." Tajtu l-flus. Fil-fatt, hu ma qallix li stajt nitlef flusi, tant li ghidtlu li nippreferi ndahhal flus inqas u l-kapital ikun garantit u l-investiment ikun fis-sod.*

*Nghid li l-prodott kien l-SNS. Ma niftakarx fiex kien jikkonsisti. Mistoqsi mill-Arbitru, nghid li jien ma nafx xi tfisser 'subordinated bond'. Nghid li ma kienx qalli jekk kinux se jkunu f'xi bank jew f'xi haga ohra. Iffirmajt ukoll xi dokumenti. Jien qalli fejn niffirma u ffirmajt. Nghid li ma kienx spjegali d-dokumenti, però, jien iffirmajthom.*[4]

*Jien qed nibbaza l-ilment tieghi ghax jien zgur ghidtlu li l-flus tieghi irridhom garantiti. Dak iz-zmien li ghamilt il-flus, jien kont pensjonant u xtaqt indahhal xi haga biex inzidha mal-pensjoni. Jien nghid li skola ma tantx naf, u ghalkemm kelli xi haga ohra ma' haddiehor, m'inix bniedem ta' esperjenza f'dawn l-affarijiet. Nghid li jien mort ghandu ghax issuggerih siehbi u fdajt fih.'*[5]

---

[3] Kap. 555, Art. 19(3)(b)
[4] *A fol.* 38
[5] *A fol.* 39

In kontroezami jghid li kellu xi investimenti mal-*Crystal Finance,* u *All Invest Co. Ltd.* kien ghamlulu xi investimenti qabel l-*SNS* li ma kienx jaf x'inhuma u *All Invest Co. Ltd*. kienu qalulu biex ahjar jehodhom u kien hadhom. Jghid ukoll li kien investa €14,000 fl-*SNS* u parti minnhom kien harighom *cash.*

Mart l-ilmentatur xehdet hekk:

'*Nikkonferma li r-ragel tieghi ghamel hafna enfasi biex il-kapital ikun sigur anke jekk l-imghax ikun inqas.*

*Jien kont l-ewwel darba li mort mar-ragel u kienet l-ewwel esperjenza tieghi. Ma kellix affarijiet ohra investiti. Hu tana l-kuntratt u ahna ffirmajnih.*

*Ghadda z-zmien u qallu, "Ejja ha nkellmek." U qallu li l-affarijiet kienu marru hazin. Imbaghad, qalilna li mhux se jiehu hsieb u qalilna biex immorru tas-Sliema. Imbaghad, morna tas-Sliema la qalilna hekk hu. U sal-lum nghid li ma hadniex flus.'*[6]

Il-verzjoni li taw l-ilmentaturi mhi bl-ebda mod kontradetta b'xi xhieda tal-provditur tas-servizz li ghazel li ma jressaq l-ebda provi.

Ghalhekk l-Arbitru jrid jara jekk il-verzjoni li taw l-ilmentaturi u t-talbiet li qed jaghmlu humiex gusti, ekwi u ragonevoli fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz.

***Analizi tal-SNS***

In-*Notes* ***6.25% SNS Bank NV 2010-2020*** (*ISIN: XS0552743048*) (*SNS*) inhargu minn *SNS Bank N.V.* fis-26 ta' Ottubru 2010, b'data tal-maturità 26 ta' Ottubru 2020. Il-kupun kien 6.25% fis-sena. Kellhom *status* ta' *Tier 2 Subordinated*.

L-*SNS Reaal* hija l-*holding company* ta' *SNS Bank* u kumpanija tal-assikurazzjoni *REAAL N.V.* Il-pozizzjoni finanzjarja ta' *SNS REAAL* iddeterjorat matul is-snin b'mod partikolari minhabba l-attività diretta fil-proprjetà minn *SNS Property Finance* li *SNS Bank* kien xtara fis-sena 2005.

[6] *Ibid.*

Id-diprezzament tal-valur tal-portafoll ta' din is-sussisdjarja wassal biex *SNS* jigi nazzjonalizzat fl-1 ta' Frar 2013 b'digriet mill-istat Olandiz.

**Fuq perjodu ta' tliet snin qabel ma kien nazzjonalizzat, l-operat u s-sitwazzjoni finanzjarja ta' *SNS Bank* kienu taht skrutinju minn diversi *rating agencies*. Minn zmien ghal zmien, uhud minn dawn l-agenziji ikkummentaw ta' spiss dwar il-qaghda tal-bank u sahansitra baxxew ir-*ratings* fuq il-bank u l-*bonds* mahruga minnu.**

**Kienu wkoll qed ibassru li *subordinated bonds* – li l-banek johorgu biex isostnu l-livelli tal-kapital taghhom - jistghu ma jkollhom lil hadd min isostnihom f'kaz li l-bank li jkun qed johrog il-*bond* ma jasalx biex ihallas. *Subordinated bonds* jigu minn tal-ahhar fir-*ranking* f'kaz ta' likwidazzjoni.**

**Infatti, fil-lista ta' kredituri, jirrenkjaw wara l-gvern u *senior creditors*. Il-fatt li dawn il-*bonds* huma *subordinated* ifisser li huma ta' riskju u mhux tajbin ghal kull investitur. Ir-riskji kienu reali u mhux fuq il-karta biss.**

Il-fatt li *SNS Bank* kien *a systemically important bank* fl-Olanda ma kienx ifisser li akkost ta' kollox l-istat kien ser jerga' jaghti sostenn finanzjarju lill-bank wara dak li ghamel fis-sena 2008

Fil-mument li l-bank gie nazzjonalizzat, l-istat kien ghadu ma thallasx kollox minn *SNS* fir-rigward ta' din l-ghajnuna finanzjarja li inghata.

Apparti dan, il-fatt li kien digà wiezen lil *SNS* b'sostenn finanzjarju, kien digà indikazzjoni tal-istat finanzjarju tal-bank. Tant hu hekk, li f'nofs is-sena 2012, il-bank kien habbar li kien qed jesplora possibiltajiet biex isahhah il-pozizzjoni tal-kapital tieghu.

Anke f'nofs dik l-istess sena, l-istat Olandiz introduca ligi gdida b'aktar ghodda biex ikun jista' jimmanuvra istituzzjonijiet finanzjarji bi problemi. Huwa veru li hadd ma kien qed ibassar li l-istat kien ser juza din il-ligi ghall-ewwel darba fir-rigward tal-*SNS,* jew inkella jivvaluta ghal zero l-ishma u l-*bonds subordinated* tal-bank.

Imma l-bank kien digà kellu problemi serji qabel ma sar l-investiment fih minn *All Invest Company Ltd.* ghall-ilmentaturi. *Subordinated bond* huwa dejjem meqjus bhala investiment riskjuz.

***Jekk l-SNS kienx 'suitable' ghall-Ilmentaturi***

Kif xehed l-ilmentatur ikkorroborat minn martu, huma riedu jinvestu fi prodott li l-kapital ikun garantit, u anke kienu lesti li jiehdu imghax baxx basta l-kapital ikun sigur. Mill-analizi tal-prodott jirrizulta li l-*SNS* kien *subordinated bond (Tier 2)* li ovvjament kellu riskji aktar minn dawk li xtaqu l-ilmentaturi. Kif, fil-fatt, irrizulta l-kapital ma kienx garantit. Ghalhekk il-provditur tas-servizz biegh prodott li ma kienx addattat u jaqbel mar-riskji li riedu jiehdu.

Huma qed jghidu li sar bejgh hazin ta' prodott fil-konfront taghhom.

Isehh bejgh hazin ta' prodott meta :

- Ma jigix spjegat ir-riskju involut;
- Meta ma jinghatax taghrif kif il-flus ikunu ser jigu investiti;
- Meta l-prodott ma jissodisfax il-bzonnijiet (*not suitable*) u l-attitudni tar-riskju tal-investitur
- Meta ma jigix spjegat il-prodott mibjugh;
- Meta ma jigux spjegati l-kundizzjonijiet u t-termini marbutin mal-prodott;
- Meta jinghata taghrif qarrieqi (*misleading*) dwar il-prodott;
- Meta ma jigux spjegati ic-*charges* relevanti u l-penalitajiet marbuta ghal min johrog kmieni mill-prodott;
- Ma jigix spjegat id-dritt tal-*cooling-off period* u d-dritt li bniedem jikkancella fejn il-prodott finanzjarju jitlob dan.

Din il-lista mhijiex wahda ezawrjenti izda hija biss indikattiva.

Mill-fatti ta' dan il-kaz jirrizulta li ma giex spjegat ir-riskju involut fl-*SNS* tant li l-ilmentatur xehed li inghata biss id-dokumenti biex jiffirmahom meta lanqas biss gew spjegati lilu. Xehed ukoll li lanqas biss qallu fejn ser jinvestihomlu. Ghalhekk ma gewx spjegati l-kundizzjonijiet u t-termini marbutin mal-prodott u, peress li l-ilmentaturi riedu investiment fejn il-kapital ikun garantit, dan l-investiment ma ssodisfax il-bzonnijiet u l-attitudni tar-riskju tal-investituri.

Ghalhekk sar bejgh hazin tal-prodott.

Ghall-provditur tas-servizz dak iz-zmien kienu japplikaw l-*Investment Services Rules for Investment Services Providers Part B: Standard Licence Conditions* (fil-qosor *SLC)* mahrugin mill-*MFSA* ghal-*Licence Holders* taghha skont id-Direttiva *MiFID*.

Skont SLC 2.13:

'*When providing investment advice or portfolio management services, the Licence Holder shall obtain the necessary information, in accordance with SLCs 2.16 to 2.20 and SLC 2.22 to 2.24 regarding the client's or potential client's knowledge and experience in the investment field relevant to the specific type of product or service, his financial situation and his investment objectives so as to enable the Licence Holder to recommend to or, in the case of portfolio management, to effect for the client or potential client, the Investment Services and Instruments that are suitable for him*.

Peress li s-servizz moghti kien dak ta' parir ta' investiment, skont SLC 2.16, il-provditur tas-servizz kellu jaghmel *suitability test*:

'*The Licence Holder shall obtain from clients or potential clients, such information as is necessary for the Licence Holder to understand the essential facts about the client and to have a reasonable basis for believing, giving due consideration to the nature and extent of the service provided, that the specific transaction to be recommended, or entered into in the course of providing a portfolio management service, satisfies the following criteria:*

*a. it meets the investment objectives of the client in question;*

*b. it is such that the client is able financially to bear any related investment risks consistent with his investment objectives;*

*c. it is such that the client has the necessary experience and knowledge in order to understand the risks involved in the transaction or in the management of his portfolio.'*

L-ilmentaturi riedu jinvestu fi prodott sigur biex izidu dhul mal-pensjoni ghaliex kif xehed l-ilmentatur:

*'Jien qed nibbaza l-ilment tieghi ghax jien zgur zgur ghidtlu li l-flus tieghi irridhom garantiti. Dak iz-zmien li ghamilt il-flus, jien kont pensjonant u xtaqt indahhal xi haga biex inzidha mal-pensjoni. Jien nghid li skola ma tantx naf, u ghalkemm kelli xi haga ohra ma' haddiehor, m'inix bniedem ta' esperjenza f'dawn l-affarijiet. Nghid li jien mort ghandu ghax issuggerih siehbi u fdajt fih.'*[7]

Il-provditur tas-servizz fl-ebda stadju tal-kaz ma gab provi li ghamel dan is-*suitability test* li jissodisfa r-Regoli msemmija; anzi, mill-provi li taw l-ilmentaturi jirrizulta illi kieku sar '*suitablity test'* skont SLC 2.16, kellu jirrizulta li l-provditur tas-servizz ma kellux ibiegh dan il-prodott lill-ilmentaturi.

Meta dahal fis-sehh il-Kap. 555 tal-Ligijiet ta' Malta, dawn ir-regoli tal-*MFSA* hadu dimensjoni ohra barra dik regolatorja ghaliex saru wiehed mis-sorsi guridici li jista' jikkunsidra l-Arbitru biex jasal ghall-konkluzjonijiet tieghu.

**Galadarba sar bejgh hazin tal-prodott, l-Arbitru jqis l-ilment bhala gust, ekwu u ragonevoli u qed jilqghu sakemm dan huwa kompatibbli ma' din id-decizjoni.**

**L-ilmentaturi fil-fatt hargu minn buthom is-somma ta' €9,261,[8] u dahhlu interessi ta' €713.84, u huwa ekwu, gust u ragonevoli li dawn jitnaqqsu mis-somma dovuta.**

**Ghalhekk it-telf sostnut minnhom huwa dak ta' tmint elef, hames mija u sebgha u erbghin ewro u sittax-il centezmu (€8,547.16).**

**Ghaldaqstant*, ai termini* tal-Artikolu 26(3)(c)(iv) tal-Kap. 555 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Arbitru jordna lil *All Invest Co. Ltd.* thallas lill-ilmentaturi is-somma ta' tmint elef, hames mija u sebgha u erbghin ewro u sittax-il centezmu (€8,547.16).**

**Bl-imghax legali mid-data ta' din id-decizjoni sad-data tal-hlas effettiv.**

**Bl-ispejjez kontra l-provditur tas-servizz.**

**Dr Reno Borg**
**Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**

---

[7] *A fol.* 39
[8] *A fol.* 25